



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0272(COD)

8143/1/23
REV 1 ADD 1

PECHE 124
CODEC 567
PARLNAT 145

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107 u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta msemija hawn fuq¹, bil-għan li l-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-ICCAT għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran adottat fl-2018² jiġi inkorporat fid-dritt tal-UE. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Mejju 2020 rispettivament.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'diversi laqgħat fl-2019. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar Approċċ Ġenerali fl-10 ta' Ġunju 2020.³
4. B'mandat rivedut għan-negozjati⁴ maqbul mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-4 ta' Novembru 2020, il-Presidenza laqgħet ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew fi trilogu politiku fl-10 ta' Novembru 2020.
5. Fil-25 ta' Novembru 2020, it-test ta' kompromess finali⁵ li jirrifletti l-eżitu ta' dak it-trilogu ġie miċħud mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.
6. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' April 2021⁶.

¹ 14710/19 + ADD1

² F'Novembru 2019, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 19-04, li temenda ir-Rakkomandazzjoni 18-02.

³ 10297/19

⁴ 11652/20

⁵ 12889/20

⁶ P9_TA(2021)0142 Pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ***I Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107 u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (COM(2019)0619 – C9-0188/2019 – 2019/0272(COD)) P9_TC1-COD(2019)0272 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-28 ta' April 2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107 u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 ĠU C 506, 15.12.2021, p. 160–216

7. Fis-16 ta' Ġunju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat rivedut għan-negożjati⁷ bil-ħsieb ta' ftehim bikri fit-tieni qari mal-Parlament Ewropew.
8. Fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew ivvota biex in-negożjati interistituzzjonali jkomplu.
9. Fit-22 ta' Marzu 2023 kien hemm laqgħa teknika interistituzzjonali li matulha t-tliet istituzzjonijiet laħqu ftehim preliminari dwar it-test li għandu jiġi propost għal ftehim finali.
10. Fit-30 ta' Marzu 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd approva l-eżitu tan-negożjati interistituzzjonali f'kompromess rivedut tal-Presidenza⁸.
11. Fil-5 ta' April, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali⁹ bil-ħsieb ta' ftehim bikri fit-tieni qari mal-Parlament Ewropew.
12. Fit-22 ta' April, il-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew (PECHE) ivvota dwar il-ftehim proviżorju li rriżulta minn negożjati interistituzzjonali.
13. Fis-27 ta' April, il-President tal-PECHE bagħat ittra lill-Presidenza Żvediża li tikkonferma li jekk il-Kunsill japprova r-Regolament fl-ewwel qari, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova mingħajr emenda l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

II. OBJETTIV

14. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE¹⁰, l-Unjoni ilha mill-14 ta' Novembru 1997 Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("il-Konvenzjoni").
15. Il-Konvenzjoni tipprevedi qafas għal kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u tal-ispeċijiet li jixbhuh fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra kontigwi permezz tal-

⁷ 9167/21

⁸ 7820/23 + COR1

⁹ 7820/23 + COR1

¹⁰ Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll meħmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenżjari tal-Istati li jiffirmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

istabbiliment tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT).

16. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi implimentat il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn, kif adottat mill-ICCAT, li għandu l-għan li jżomm bijomassa tat-tonn f'livelli 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli.
17. Il-pjan ta' ġestjoni jeżiġi li t-tonn jiġi skartat u rilaxxat f'ċerti ċirkostanzi. Il-pjan jeżiġi li jiġu skartati l-kwantitajiet ta' tonn mill-bastimenti tas-sajd, inkluż dawk tas-sajd rikreattiv, li jaqbz u l-kwota allokata għall-bastiment u/jew il-livell massimu ta' qabdiet aċċessorji permessi. Tonn maqbud abbord bastimenti li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jkollu wkoll jiġi skartat, ħlief għal limitu partikolari ta' tolleranza stabbilit mill-Istati Membri fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom. Għall-finijiet tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi internazzjonali tagħha fil-kuntest tal-ICCAT, l-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/98¹¹ jipprevedi derogi mill-obbligi ta' hant l-art għat-tonn f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

18. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament jista' japprova mingħajr emendi fit-tieni qari tiegħu.
19. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tfittex li r-Rakkomandazzjoni 18-02 tal-ICCAT u partijiet mir-Rakkomandazzjoni 22-04 tal-ICCAT jiġu inkorporati fid-dritt tal-UE biex l-Unjoni tkun tista' tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha u biex l-operaturi jingħataw iċ-ċertezza legali dwar ir-regoli u l-obbligi.

¹¹ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 23).

B. Kwistjonijiet ewlenin

20. L-elementi ewlenin tal-kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew jikkonċernaw, fost oħrajn:
- il-kundizzjonijiet għar-riporti tat-tonn ħaj mhux maqtul;
 - dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni mill-Istati Membri ta' kwoti settorjali bħala parti mill-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom, inkluż għal sajd fuq skala żgħira;
 - dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd;
 - regoli dwar it-tqegħid tat-tonn fil-gaġeġ;
 - ir-responsabbiltà għat-tnedija ta' investigazzjonijiet dwar irregolaritajiet fil-qabdiet tat-tonn.

IV. KONKLUŻJONI

21. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
22. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat PECHE indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-27 ta' April 2023. F'dik l-ittra, il-President tal-Kumitat PECHE indika li ser jirrakkomanda lill-membri tal-Kumitat tiegħu, u sussegwentement lill-plenarja, biex jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.